MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 785/2013

**Banif Bank (Malta) plc (C-41030)**

**Vs**

**Alexander Mallia (K.I. 399474M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici eccepixxiet illi:-

Il-konvenut hu debitur tal-kumpanija attrici fis-somma t'elfejn, disa' mija u tlettax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,913.21), liema somma tikkonsisti fis-segwenti:

1. Fuq il-*credit card* numru 4196796000013663 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok 'A'), hemm dovut l-ammont ta' elfejn seba' mija, tlieta u sittin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,763.21) li sat-28 ta' Novembru, 2013 kien

jinkludi mghaxijiet ta' tmintax-il ewro u sitta u sittin centezmu (€18.66) (ara l-i*statement* bankarju mmarkat Dok 'B');

2. Fuq il-*current account* numru 20729.01.001 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici, hemm dovut l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) (ara l-i*statement* bankarju mmarkat Dok 'C'). Dan l-ammont dovut fuq il-*credit card* imsemmija aktar 'l fuq;

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici *ai termini* ta' l-Artikolu 11(f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-*credit card* (ara Dok 'D') u t'Artikolu 5 tat-*Terms and Conditions* (ara Dok 'E') u l-Artikolu 6 tal-*Conditions of Use* (ara Dok 'F') marbuta mal-*current account.*

Illi l-kumpanija attrici nterpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 13t'Awwissu, 2013 (ara Dok 'G') u ittra ufficjali numru 2363/2013 (ara Dok 'H') mibghuta *a tenur* ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (din l-ahhar ittra baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan), izda dan baqa' nadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif irrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Ghaldaqtant il-kumpanija attrici talbet bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma t'elfejn, disa' mija u tlettax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,913.21) u li konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma.

Bl-imghaxijiet mit-28 ta' Novembru, 2013, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-*credit card* u kif ukoll kwalsiasi' *charges* u *fees* dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenut; u dan kollu skont kif jinghad fil-*Conditions of Use* (msemmija aktar il-fuq) u t-*Tariff of Charges* (ara Dok 'I') relattivi ghall-*credit card* u fit-*Terms and Conditions* u l-*Conditions of Use* (msemmijin aktar il-fuq) u t-*Tariff of Charges* (ara Dok 'J') relattivi ghall-*current account*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-istess ittra ufficjali.

Il-konvenut qieghed minn issa jigi ngunt ghas-subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenut.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa'ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-7 ta' Mejju, 2014 minn Dr Maria Lisa Buttigieg u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-kumpanija attrici fl-ammont ta' t'elfejn, disa' mija u tlettax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,913.21)u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------